



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.4.2013
COM(2013) 196 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

Nibnu s-Suq Uniku għall-Prodotti Ekoloġiċi

**Niffaċilitaw tagħrif aħjar dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u tal-
organizzazzjonijiet**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 111 final}

{SWD(2013) 112 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Nibnu s-Suq Uniku għall-Prodotti Ekoloġiċi

Niffaċilitaw tagħrif aħjar dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u tal-organizzazzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

Il-Pjan Direzzjonali għall-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi¹ stabbilixxa mira ambizzjuża għall-2020: *li nipprovdu l-inċentivi t-tajbin biex iċ-ċittadini u l-awtoritajiet pubbliċi jagħżlu l-iżjed prodotti li jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti permezz ta' sinjali tajbin fejn jidħol il-prezz u tagħrif ambjentali ċar*. Il-Pjan Direzzjonali għaraf ukoll li s-suq intern għandu rwol importanti billi jirrikonoxxi l-prodotti li jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti. Din l-inizjattiva – "Nibnu s-Suq Uniku għall-Prodotti Ekoloġiċi" – hija pass importanti f'din id-direzzjoni.

It-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti fil-preżent huwa baxx minkejja l-abbiltà tal-produtturi li jipprovdu dawn il-prodotti u d-domanda dejjem tikber tal-konsumaturi. Kemm il-produtturi biex jipprovdu, kif ukoll il-konsumaturi biex jixtru dawn il-prodotti, jiltaqgħu ma' diffikultajiet li l-biċċa l-kbira tagħhom huma kkawżati mill-ambigwiżà dwar x'inhum realment prodott "ekoloġiku" u x'inhum organizzazzjoni "ekoloġika". Din l-inizjattiva tal-Kummissjoni hija pass biex titneħħa din l-ambigwiżà billi ttejjeb il-mod kif tiġi mkejla u kkomunikata l-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u tal-organizzazzjonijiet.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament tintroduċi żewġ metodi ta' kejl u sett ta' prinċipji għall-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u tal-organizzazzjonijiet. Hija akkumpanjata minn Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tinkoraġġixxi l-Istati Membri u s-settur privat biex jużaw dawn il-metodi, skont il-każ, b'mod li jissaħħaħ l-operat normali tas-suq intern.

Din l-inizjattiva tipproponi fażi ta' ttestjar li matulu l-partijiet interessati flimkien mal-Kummissjoni se jivvalutaw l-effikaċja tal-metodi proposti, u l-fattibbiltà li jintużaw madwar is-Suq Uniku kollu. Ir-riżultati tal-fażi tal-ittestjar se jkunu soġġetti għal proċess ta' reviżjoni indipendenti tal-pari fejn jitqiesu wkoll metodi alternattivi. Jekk il-fażi tal-ittestjar tirnexxi, il-Kummissjoni tkompli tikkonsulta mal-partijiet interessati dwar l-aħjar mod kif jiġu garantiti l-benefiċċji ta' din l-inizjattiva. Ikomplu jsiru diskussjonijiet wkoll mal-imsieħba internazzjonali dwar l-iżvilupp metodoloġiku bil-għan li jiġu żgurati l-kompatibbiltà u s-sinerġiji ma' metodi mifruxa oħrajn.

L-oġġettiv ta' dawn l-azzjonijiet huwa li jippermetti u jiffaċilita, fit-terminu l-medju, interess akbar fil-prodotti ekoloġiċi u fil-prattiki li jirrisptaw aktar l-ambjent minn kumpaniji fis-suq tal-UE billi jikkontribwixxu għat-tneħħija ta' ostakli potenzjali għall-moviment liberu tal-prodotti ekoloġiċi fis-Suq Uniku.

¹ COM(2011) 571 finali.

2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. L-isfidi ambjentali u l-isfidi għall-użu effiċjenti tar-riżorsi

Waqf il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Rio+20) li saret fl-2012, il-komunità internazzjonali għarfet li "huma indispensabbli l-bidliet fundamentali ta' kif jipproduċu u jikkunsmaw il-prodotti s-soċjetajiet, biex jinkiseb żvilupp sostenibbli dinji"². Kważi żewġ terzi tal-ekosistemi dinjin ġew ikklassifikati li "sejrin lura"³, il-bijodiversità qiegħda tintilef b'rata li hi stmata 100 darba ogħla mir-rata naturali tal-estinzjoni, u r-riskji u x-xejriet marbutin mat-tibdil fil-klima huma ddokumentati⁴. L-OECD wissiet li d-degradazzjoni u l-erożjoni tal-"kapital naturali" kontinwi qegħdin jikkawżaw tibdil irriversibbli li jista' jipperikola standards ta' ħajja li ilhom jogħlew żewġ sekli⁵.

2.2. Il-benefiċċji ambjentali ta' prodotti u organizzazzjonijiet ekoloġiċi

Il-"prodotti ekoloġiċi" jistgħu jiġu definiti bħala dawki li jużaw ir-riżorsi b'mod aktar effiċjenti u li jikkaġunaw anqas ħsara ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, mill-estrazzjoni tal-materja prima sal-produzzjoni, id-distribuzzjoni, l-użu tagħhom u sa tmienhom (inkluż l-użu tagħhom mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru tagħhom) meta mqabbla ma' prodotti simili tal-istess kategorija. Il-"prodotti ekoloġiċi" jeżistu f'kull kategorija ta' prodott, irrispettivament minn jekk jingħatawx tikketta li tindika li huma ekoloġiċi inkella jiġux kummerjalizzati bħala ekoloġiċi; hija l-prestazzjoni ambjentali tagħhom li tiddefinixxi bħala "ekoloġiċi".

Aktar tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti jikkombina l-benefiċċji għas-soċjetà minn anqas ħsara ambjentali flimkien ma' konsumaturi aktar sodisfatti; dan minbarra l-benefiċċji ekonomiċi potenzjali għall-produtturi u l-konsumaturi ta' użu aktar effiċjenti tar-riżorsi ekoloġiċi.

Barra minn hekk, il-kumpaniji ekoloġiċi jiġġeneraw aktar benefiċċji ambjentali. Dawn itejbu l-proċessi tagħhom, jinfluwenzaw lill-fornituri tagħhom u lil oħrajn kemm aktar 'il fuq u kemm aktar 'il isfel fil-katina tal-valur u jiġġeneraw l-innovazzjoni. Kumpanija li tintegra dak li jissejjaħ "ħsieb taċ-ċiklu tal-ħajja" fl-istrateġiji tagħha u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tkun qed tnaqqas kemm tista' l-impatt ambjentali tal-attivitajiet tagħha, kemm b'mod dirett kif ukoll b'mod indirett.

2.3. Il-benefiċċji ekonomiċi ta' prodotti u organizzazzjonijiet ekoloġiċi

Is-suq dinji għal prodotti u servizzi "b'użu jew emissjonijiet baxxi ta' karbonju" u "ekoloġiċi" (li huwa sett sekondarju tas-suq totali tal-prodotti ekoloġiċi) huwa stmat fil-livell ta' EUR 4,2 triljun li minnhom l-UE għandha 21%⁶. Dan is-suq ilu għaddej bit-tkabbir b'rata medja annwali ta' 4%, anke tul ir-riċessjoni ekonomika⁷, tant li qed jikkontribwixxi biex jagħmel l-ekonomija ekoloġika waħda mis-setturi bl-akbar

² Qafas ta' 10 Snin ta' Programmi dwar ix-xejriet ta' produzzjoni u konsum sostenibbli. A/CONF.216/5. Il-Kumitat ta' Livell Għoli tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-rapport dwar is-Sostenibbiltà Dinjija "Resilient People, Resilient Planet:

³ UN Secretary-General's High-Level Panel on Global Sustainability report 'Resilient People, Resilient Planet: A future worth choosing', 2012.

⁴ Ara, pereżempju, CBD Secretariat (2006) Global Biodiversity Outlook 2 and http://unfccc.int/essential_background/items/6031.php

⁵ Environmental Outlook to 2050 (OECD 2012).

⁶ Department for Business, Innovation and Skills (2012): Low Carbon Environmental Goods and Services.

⁷ Green Seal (2009): Green Buying Research.

potenzjal ta' tkabbir fl-impjieg⁸. Teżisti kompetizzjoni dejjem ikbar bejn il-kumpaniji biex jiksbu aktar sehem fis-suq f'dan is-settur. Il-prodotti ekoloġiċi jistgħu jgħinuna nnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni għall-manifatturi (inqas ma jintużaw riżorsi inqas se jkunu l-ispejjeż tal-produzzjoni) jew għall-konsumaturi waqt l-użu (jiġifieri l-apparati domestiċi tal-ewwel klassi skont id-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Prodotti skont il-Konsum tal-Enerġija⁹). B'mod ġenerali wkoll, huwa aktar faċli li wieħed jirriċikla jew juża mill-ġdid il-prodotti ekoloġiċi, u dan jikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar u inqas għali tal-iskart, għas-soċjetà kollha.

Iżda, relattivament, is-suq tal-prodotti ekoloġiċi għadu jirrappreżenta biss parti żgħira tas-suq tal-prodotti għall-konsumaturi¹⁰. L-evidenza turi li hemm domanda konsiderevoli għal dawn il-prodotti meta jiġu offruti bi prezz kompetittiv, li jfisser li hemm potenzjal li mhux qed jiġi sfruttat fis-suq intern¹¹. Dan ikollu effett pożittiv fuq l-impjieg: b'mod ġenerali, it-titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi tal-ekonomiji tal-UE jista' jwassal biex jinħolqu sa 2.8 miljun impjieg sal-2020.¹²

Il-kumpaniji ekoloġiċi għandhom tendenza li jkunu minn ta' quddiem fl-innovazzjoni. Permezz ta' inqas spejjeż, produttività mtejjba, sigurtà ta' forniment u inqas esponiment għar-riskji ambjentali, il-kumpaniji Ewropej għandhom vantaġġ kompetittiv fl-innovazzjoni ekoloġika. Jekk ma jkunx hemm aktar azzjoni ta' appoġġ, il-kompetittività f'dan is-settur tkun ipperikolata¹³.

3. IL-PROBLEMI LI BIĦSIEBHA TITTRATTA L-PROPOSTA

3.1. In-nuqqas ta' definizzjoni komuni ta' x'inhu "prodott ekoloġiku", u x'inhu li jagħmel "organizzazzjoni ekoloġika"

Ma teżistix definizzjoni aċċettata minn kulħadd u bbażata fuq ix-xjenza ta' x'inhuma verament prodott jew organizzazzjoni ekoloġiċi. Fil-preżent qed jintużaw metodi differenti għall-kejl u l-ivvalutar komparattiv tal-prestazzjoni ambjentali¹⁴, iżda dawn

⁸ FI-2012, l-għadd ta' persuni previsti li jaħdmu f'ekoindustriji speċifikament fl-UE hu mistenni jkun 3.4 miljun, aktar mit-2.7 miljun fl-2008, hekk li jindika li anke fil-klima ekonomika attwali jeżisti potenzjal ta' tkabbir fl-impjieg fis-settur ambjentali. Ara "L-Istahharig Annwali dwar it-Tkabbir 2013", COM(2012) 750 final, http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/ags2013_mt.pdf.

⁹ Id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' tikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija, ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1-12.

¹⁰ Għadd ta' studji wrew li s-sehem mis-suq ta' prodotti bi prestazzjoni ambjentali tajba huwa relattivament żgħir, f'xi kategoriji tal-prodotti, sa 5% f'ċerti Stati Membri. Għal aktar dettalji ara r-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impattii.

¹¹ Ara r-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impattii.

¹² Dokument ta' Ħidma mill-Istaff tal-Kummissjoni 'Nisfruttaw il-Potenzjal tal-Impjieg mit-Tkabbir Ekoloġiku', SWD(2012) 92 final, li jakkumpanja l-Komunikazzjoni "Lejn irkupru rikk fl-impjieg".

¹³ Id-Danimarka, l-Isvezja u l-Finlandja huma fost l-aqwa fid-dinja fir-rigward ta' teknoloġija nadifa, iżda jista' jintqal l-istess għall-kompetituri importanti bħalma huma l-Istati Uniti tal-Amerika. Iċ-Ċina u l-Indja diġà għaddew lill-Pajjiżi l-Baxxi, lill-Awstrija, lill-Belġju, lil Franza u lil Spanja. Ara r-rapport tal-Global Cleantech Innovation Index 2012, tal-Grupp CleanTech u tal-WWF.

¹⁴ Il-metodi tal-kejl tal-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti u organizzazzjonijiet jistgħu jidħlu f'żewġ kategoriji ewlenin: 1) il-kejl tal-prestazzjoni ambjentali permezz tal-impatti diretti (jiġifieri impatti li jistgħu jiġu attribwiti direttament għall-prodott/l-organizzazzjoni, pereżempju l-iskart perikoluż li huwa riżultat tal-produzzjoni). Fost dawn il-metodi, hemm uħud li jittrattaw dwar impatt ambjentali waħdieni (pereżempju Scope 1 tal-Protokoll GHG, li jittratta dwar il-gassijiet b'effett ta' serra), filwaqt li oħrajn jittrattaw dwar għadd ta' impatti ambjentali (pereżempju l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni tal-EMAS – is-sistema ta' Eko-ġestjoni u Verifika). 2) Il-kejl tal-prestazzjoni ambjentali permezz tal-impatti diretti u indiretti (jiġifieri dan jinkludi l-impatti f'fazzijiet oħra taċ-ċiklu tal-ħajja, pereżempju Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja mill-ħruġ mill-art, sal-loġistika, l-użu, u tmiem il-ħajja). Fost dawn il-metodi, hemm

ivarjaw u jagħtu riżultati diversi meta jintużaw għall-istess prodott jew organizzazzjoni. Tabilħaqq, minħabba l-għadd ta' għażliet metodoloġiċi li jista' jagħmel l-utent, anki r-riżultati miksubin bl-istess metodu ħafna drabi ma jistgħux jitqabblu. Dan it-tqabbil huwa importanti biex jippermetti l-kompetizzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni ambjentali, u jippermetti lill-konsumaturi u lill-kumpaniji jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

Wieħed mill-ikbar nuqqasijiet ta' wħud mill-approċċi metodoloġiċi għall-kejl tal-prestazzjoni ambjentali huwa li mhumix eżawrjenti. Ma jħarsux lejn l-impatti diretti u indiretti kollha tal-prodott jew tal-organizzazzjoni kkonċernati – jiġifieri lejn iċ-ċiklu kollu tal-ħajja. Bosta indikaturi jiffukaw fuq il-fażi ta' waqt l-użu (eż. il-konsum tal-ilma mill-magna tal-ħasil), iżda jinjoraw l-ispejjeż tal-produzzjoni, tar-rimi, jew il-potenzjal għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ. Għadd ta' valutazzjonijiet jiffukaw fuq indikatur ambjentali wieħed, li jista' jfisser li hemm ieħor li qed jiġi injorat, u dan iwassal għal dak li hu msejjaħ "trasferiment tal-piż". Pereżempju, prodott ġdid li jikkonsma ftit enerġija jista' jkun jeħtieġ materjal rari jew perikoluż. Dan forsi jkun aċċettabbli biex tiġi ffrankata l-enerġija, iżda jista' ma jkunx aċċettabbli mill-perspettiva tat-tbattil ta' riżorsi jew tal-impatti meta l-prodott jasal fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Ikun xi jkun, irid jitqies kollox f'valutazzjoni sħiħa taċ-ċiklu tal-ħajja, biex id-deċiżjonijiet li jittieħdu favur it-titjib tal-ambjent ikunu bbażati fuq informazzjoni sħiħa.

3.2. Spejjeż mingħajr bżonn għall-kummerċ

Il-kunsidrazzjonijiet ambjentali qegħdin isiru dejjem iżjed parti mill-operazzjonijiet u l-istrateġiji tal-kummerċjalizzazzjoni għal għadd kbir ta' kumpaniji u għall-investituri tagħhom. Dawn il-kumpaniji qegħdin dejjem iżjed jużaw il-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-ħajja (LCA)¹⁵ bħala għodda biex jivvalutaw il-kredenzjali ekoloġiċi tagħhom stess jew tal-fornituri tagħhom, u biex ikejlu (u jtejbu) il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti tagħhom.

L-għadd ta' metodi ta' kejl tal-impatt (eż. il-marka tal-karbonju, l-impronta fuq l-ilma) qed jiżdied b'mod mgħaġġel, f'linja parallela mat-tkattir ta' inizjattivi nazzjonali u fis-settur privat. Dan il-fatt jista' jiġġenera spejjeż sinifikanti għall-kumpaniji, speċjalment jekk ikollhom bżonn jużaw metodi differenti jew jekk ikun jiħtiġilhom jikkonformaw ma' kundizzjonijiet ta' tikkettar u ta' verifika għal pajjiżi u bejjiegħa differenti. L-ispejjeż relattivi, u l-piżijiet assoċjati, huma ħafna ogħla għall-SMEs.

Id-dinja kummerċjali Ewropea taf sew b'din il-qagħda: dawk li wiegħbu għall-konsulta pubblika marbuta ma' din l-inizjattiva urew il-fehma tagħhom li n-nuqqas ta' konsistenza huwa wieħed mill-iżjed ostakoli importanti għall-wirja u l-ivvalutar komparattiv tal-prestazzjoni ambjentali (72,5% qablu). Meta ġew mistoqsija x'kienet

¹⁵ uħud li jittrattaw dwar impatt ambjentali waħdieni (pereżempju Scope 1 tal-Protokoll GHG) filwaqt li oħrajn jittrattaw dwar għadd ta' impatti ambjentali (pereżempju l-Ekotikketta tal-UE).

Il-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja (LCA) hija għodda metodoloġika stabbilita li tapplika l-ħsieb mill-perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja b'mod kwantitattiv fuq l-analiżi ambjentali ta' attivitajiet b'rabta mal-proċessi jew mal-prodotti. Karatteristika ewlenija tal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja hija l-attenzjoni olistika fuq il-prodotti jew il-proċessi u l-funzjonijiet tagħhom, fejn jiġu meqjusa l-attivitajiet qabel ma jitlestha l-prodott jew il-proċess u wara li jitlestha. Għalhekk, pereżempju, l-LCA ta' prodott tinkludi l-proċessi kollha tal-produzzjoni u s-servizzi assoċjati mal-prodott tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, mill-ġbir tal-materja prima sal-produzzjoni tal-materjali li jintużaw fil-manifattura tal-prodott, l-użu tal-prodott sar-riċiklar tiegħu u/jew ir-rimi finali ta' partijiet minnu. Dan it-tip ta' ċiklu tal-ħajja sħiħ ħafna drabi wkoll huwa magħruf bħala "mill-benniena sal-qabar".

il-kawża ewlenija għal dan, l-iżjed affarijiet li ssemmew fit-tweġibiet kienu l-eżistenza ta' bosta inizjattivi fl-UE (70,8%) u l-ħafna modi ta' rappurtar (76,3%)¹⁶.

3.3. L-ostakli għall-moviment liberu tal-prodotti kummerċjalizzati bħala ekoloġiċi

Barra milli jikkawżaw spejjeż żejda, il-ħafna metodi jistgħu wkoll inaqqsu l-opportunitajiet tal-produtturi tal-prodotti ekoloġiċi biex jinneogzjawhom, anki fl-UE stess. Jista' jkun hemm kumpaniji li jkunu jixtiequ jagħmlu negozju transkonfinali, iżda dawn isibu li l-kundizzjonijiet marbuta mal-informazzjoni ambjentali għall-prodotti li jkunu biħsiebhom ibigħu jinbidlu mal-fruntieri.

Kaxxa nru 1 – Ostakli konkreti għan-negozju ta' prodotti kummerċjalizzati bħala ekoloġiċi fis-suq uniku

Ix-xenarju deskritt hawn taħt qed isir il-mod normali (iżda mhux effiċjenti) li wieħed ibigħ il-prodotti ekoloġiċi fl-Ewropa: kumpanija li tkun tixtieq tikkummerċjalizza l-prodott ekoloġiku tagħha fir-Renju Unit, fi Franza, fl-Italja u fl-Isvizzera jkollha tapplika skemi diversi biex tikkompeti abbażi tal-prestazzjoni ambjentali fis-swieq nazzjonali differenti. Fi Franza, ikollha bżonn twettaq stima ambjentali f'linja mal-metodu Franċiż (BP X30-323); fir-Renju Unit ikollha bżonn tapplika l-PAS 2050 jew il-WRI GHG Protocol; fl-Isvizzera, ikollha bżonn tapplika l-approċċ Svizzeru (qed jiġi żviluppat); fl-Italja jkollha bżonn tissieħeb fl-iskema tal-impronti tal-karbonju rikonoxxuta mill-Gvern u tagħmel analiżi oħra. Għas-suq Svediż, din l-istess kumpanija jkollha bżonn ukoll tiżviluppa Dikjarazzjoni Ambjentali dwar il-Prodott (EPD) ibbażata fuq l-ISO 14025. Wara dan jista' jkun li tkun trid twettaq ħafna EPDs peress li hemm sistemi differenti ta' EPDs jikkompetu bejniethom, madwar id-dinja, kollha bl-ispeċifiċitajiet tagħhom, anki jekk ikunu kollha bbażati fuq l-ISO 14025¹⁷.

Jekk nassumu li kull studju meħtieġ biex wieħed jikkonforma ma' skema tiswa EUR 10 000, il-kumpanija jkollha tħallas dan l-ammont għal kull suq li tkun tixtieq tiegħu sehem fih. F'dan ix-xenarju, il-kumpanija jkollha sa EUR 50 000 spejjeż għal kull prodott biex tkun tista' tikkompeti f'ħamest iswieq nazzjonali Ewropej abbażi tal-prestazzjoni ambjentali.

Biex ikunu jistgħu jikkompetu abbażi tal-prestazzjoni ambjentali, il-kumpaniji fir-realtà huma obbligati li jidħlu fi skemi pubbliċi jew privati diversi bbażati fuq metodi diversi, li jkunu l-iktar preferuti fi swieq individwali. Fi kliem ieħor, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fis-Suq Uniku jidher li mhux iwarra l-ostakli mhux tekniċi fin-negozju minn pajjiż għall-ieħor fl-UE: anki mingħajr il-kundizzjonijiet legali, l-esportaturi xorta waħda jridu jużaw il-metodi ta' komunikazzjoni nazzjonali (eż. skemi nazzjonali ta' tikkettar ekoloġiku) li huma magħrufin mill-konsumaturi lokali biex ma jkollhomx żvantaġġ fil-konfront tal-produtturi lokali.

3.4. In-nuqqas ta' fiduċja tal-konsumaturi fid-dikjarazzjonijiet ekoloġiċi

Xi sħarriġiet juru li l-konsumaturi fl-UE huma lesti jixtru aktar prodotti ekoloġiċi¹⁸. Madankollu, dawn l-istess sħarriġiet jgħidu li hemm distakk bejn l-azzjoni li tittieħed u l-valur kbir li n-nies ipoġġu fuq l-ambjent, u ma hemmx biżżejjed fiduċja fl-azzjonijiet. Pereżempju: filwaqt li 75% taċ-ċittadini tal-UE jgħidu li huma lesti

¹⁶ Ara <http://ec.europa.eu/environment/consultations/sustainable.htm>

¹⁷ Il-Ġermanja, l-Isvizzera, in-Norveġa, il-Ġappun, il-Korea ta' Isfel, u t-Tajwan.

¹⁸ Ewrobarometru Speċjali 295 "L-attitudnijiet taċ-ċittadini Ewropej lejn l-ambjent", 2008, p. 27; Eurobarometer [Europeans' attitudes towards the issue of sustainable consumption and production](#), 2009.

jixtru l-prodotti ekoloġiċi, kien hemm biss 17% li fir-realtà kienu xtraw minn dawn il-prodotti fix-xahar ta' qabel l-istħarriġ. Ir-raġunijiet li taw dwar dan huma diversi u jinkludu nuqqas ta' fiduċja fl-informazzjoni ambjentali li jingħata mill-produtturi u mill-bejjiegħa, u disponibbiltà limitata ta' prodotti ekoloġiċi bi prezzijiet affordabbli. Barra minn hekk, ta' spiss il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti ma tiġħabbarx b'mod li dak li jkun jista' jqabbel, b'hekk il-kapaċità biex wieħed jagħmel għażliet infurmati hija limitata.

L-għadd ta' dikjarazzjonijiet ekoloġiċi qed jikber, iżda fl-istess ħin, dawn qed isiru dejjem aktar superfiċjali u vagi fit-terminoloġija li jużaw¹⁹. Dan ikompli jnaqqas il-fiduċja tal-konsumaturi: 48% tal-konsumaturi ma jafdawx fl-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali li tkun ikkomunikata fuq il-prodotti²⁰. Il-perċezzjoni qegħda tiżdied li l-kumpaniji qegħdin jikkompetu bid-dikjarazzjonijiet tagħhom flok abbażi tal-vera prestazzjoni ambjentali li dawn qed jiddeskrivu.

4. IR-REAZZJONI POLITIKA TAL-UE

4.1. L-għan tal-azzjoni tal-UE

L-għan ġenerali tal-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam huwa li tiżdied id-disponibbiltà ta' informazzjoni ċara, affidabbli, u li tista' titqabbel dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet lill-partijiet interessati kollha rilevanti, inklużi l-atturi fil-katina sħiħa tal-provvista. Biex tikseb dan l-għan, u abbażi ta' ħafna snin ta' ħidma flimkien ma' partijiet interessati u l-komunità xjentifika, il-Kummissjoni qed tipprova żewġ metodi għall-valutazzjoni u l-ivvalutar komparattiv tal-prestazzjoni ambjentali. Dawn il-metodi huma robusti (ibbażati fuq ix-xjenza), komprensivi (għaliex se jkopru ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti u tal-organizzazzjonijiet u firxa ta' aspetti ambjentali) u eventwalment se jsostnu t-tqabbil bejn il-prestazzjonijiet. Dawn il-metodi ġew ikkonsultati u ttestjati bis-saħħa tal-involvement min-naħa tal-industrija fl-2011/2012 u se jkomplu jiġu ttestjati u mtejba, speċjalment bl-iżvilupp ta' regoli simplifikati għal gruppi ta' prodotti u setturi speċifiċi, u vvalutati biex jiġi ddefinit safejn jistgħu jiġu applikati mill-kumpaniji, b'mod partikolari mill-SMEs, jew minn daww li jfasslu l-politiki.

L-azzjoni tal-UE timmira li tnaqqas l-inċertezza attwali dwar x'inhuma l-karatteristiki li jikkostitwixxi prodott ekoloġiku u organizzazzjoni ekoloġika. Hija pass lejn suq intern aktar integrat, fejn il-prodotti u l-organizzazzjonijiet li huma ġenwinament ekoloġiċi, jintgħarfu mill-konsumaturi. Huwa mistenni li żieda fix-xiri ta' prodotti ekoloġiċi se tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u tkompli ssaħħaħ il-vantaġġ kompetittiv tal-kumpaniji tal-UE fl-innovazzjoni ekoloġika²¹.

Il-kunċett ġeneriku ta' prodott ekoloġiku bħala prodott li għandu impatt ambjentali mnaqqas matul iċ-ċiklu tal-ħajja meta mqabbel ma' prodott ieħor se jitlaħħam minn żewġ elementi: 1) il-metodu biex jitkejlu l-impatti ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja; 2) ir-regoli speċifiċi għall-kategoriji tal-prodotti li se jipprova l-valutazzjoni komparattiva meħtieġa biex wieħed ikun jista' jiddefinixxi prodott li jkun verament ekoloġiku. L-istess approċċ se jkun implimentat ukoll għall-organizzazzjonijiet.

¹⁹ OECD (2011); Environmental Claims - Findings and Conclusions of the OECD Committee on Consumer Policy. - DEFRA (2010); Assessment of Green Claims on Product Packaging.

²⁰ Il-Flash Eurobarometer 256 dwar l-attitudni tal-Ewropej lejn l-SCP, 2009. Barra minn hekk, il-Flash Eurobarometer 332 tal-2012 wera li wieħed minn kull tliet konsumaturi sabu informazzjoni qarrieqa dwar l-impatti ambjentali ta' prodott. Għal aktar evidenza ara r-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti.

²¹ Għal analiżi aktar dettaljata ta' din ir-rabta, ara r-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impattii.

4.2. Xogħol metodoloġiku biex jitkejl l-impatti ambjentali ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet

Il-Kummissjoni ilha taħdem f'dan il-qasam, flimkien ma' firxa ta' partijiet interessati, għal għadd ta' snin: fl-2003 il-Komunikazzjoni dwar il-Politika Integrata tal-Prodotti²² introduċiet il-kunċett ta' Perspettiva ta' Ċiklu tal-Ħajja fit-tfassil tal-politiki tal-UE. Din kienet segwita fl-2008 mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Politiki dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli/Industrija Sostenibbli²³, li wassal għall-pubblikazzjoni, fl-2010, tal-International Reference Life Cycle Data System (ILCD) Handbook (Manwal dwar is-Sistema Internazzjonali ta' Referenza tad-Dejta dwar iċ-Ċiklu tal-Ħajja) (ILCD)²⁴, li pprova għid teknika għal studji dettaljati tal-LCA u l-bażi teknika minfejn jistgħu jittieħdu kriterji speċifiċi għall-kategoriji tal-prodotti, gwidi u għodod simplifikati.

Fl-2010, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea stieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa metodu armonizzat għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-prodotti²⁵. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Kummissjoni ilha taħdem abbażi tal-approċċi eżistenti tal-LCA u l-istandards internazzjonali²⁶, u introduċiet aktar speċifikazzjonijiet metodoloġiċi meħtieġa biex jinkisbu riżultati aktar konsistenti, li jistgħu jitqabblu u preċiżi. Din il-ħidma, sostnuta minn proċess ta' konsultazzjoni, kif ukoll minn eżerċizzju ta' ttestjar f'sitwazzjoni reali (road-testing exercise) b'kollaborazzjoni mal-industrija²⁷, laħqet il-quċċata tagħha bl-iżvilupp tal-metodi Impronta Ambjentali tal-Prodotti (PEF) u Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjonijiet (OEF)²⁸.

Dawn iż-żewġ metodi jintroduċu ħafna titjib importanti meta mqabbel ma' metodi oħrajn li jeżistu, fost oħrajn:

- identifikazzjoni ċara tal-kategoriji ta' impatti potenzjali fuq l-ambjent²⁹ li jridu jiġu ttestjati biex dak li jkun iwettaq LCA komprensiva;
- il-kundizzjoni li l-kwalità tad-dejta trid tiġi kkwantifikata;

²² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew - Integrated Product Policy - Building on Environmental Life-Cycle Thinking (Politika Integrata tal-Prodotti – Inkomplu nibnu fuq il-Perspettiva ta' Ċiklu tal-Ħajja Ambjentali). COM/2003/0302 finali.

²³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli – Pjan ta' Azzjoni. COM/2008/0397 finali. COM/2008/0397 finali.

²⁴ <http://lct.jrc.ec.europa.eu/pdf-directory/ILCD-Handbook-General-guide-for-LCA-DETAIL-online-12March2010.pdf>

²⁵ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2010 fejn stieden lill-Kummissjoni "biex tiżviluppa metodu komuni għall-valutazzjoni kwantitattiva tal-impatti ambjentali tal-prodotti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom".

²⁶ Analysis of Existing Environmental Footprint Methods for Products and Organizations: Recommendations, Rationale, and Alignment, JRC, 2011, <http://ec.europa.eu/environment/eussd/pdf/Deliverable.pdf>

²⁷ L-eżerċizzju ta' ttestjar f'sitwazzjoni reali ġew ittestjati fl-2011-2012. Il-metodoloġiji ġew ittestjati fil-każ ta' 10 prodotti (agrikultura, bejgħ, bini, kimiki, ICT, ikel, manifattura – żraben, televixins, karta), u ta' 10 organizzazzjonijiet (bejgħ, ikel, il-produzzjoni tal-enerġija, il-forniment tal-ilma, għalf, is-settur pubbliku, ICT, it-tħaffir għall-materjali primi, il-kimiki u l-manifattura tal-karta). Għad-dettalji ara l-Anness 9 tar-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti.

²⁸ L-aħħar abbozzi tal-metodi u d-dettalji dwar il-proċess tal-iżvilupp tal-PEF u l-OEF: http://ec.europa.eu/environment/eussd/product_footprint.htm

²⁹ It-tibdil fil-klima; it-tħassir tal-ożonu; it-tossiċità umana - l-effetti tal-kanċer; it-tossiċità umana - l-effetti mhux tal-kanċer; materjal ta' partikoli/inorganiki respiratorji; radjazzjoni ionizzanti; formazzjoni fotokimika fl-ożonu; aċidifikazzjoni; ewtrofikazzjoni – terrestrijali; ewtrofikazzjoni – akkwatika; ekotossiċità - ilma ħelu akkwatiku; użu tal-art; qerda tar-riżorsi - ilma; qerda tar-riżorsi – mineral kombustibbli u karburant fossili.

- l-iffissar ta' kundizzjonijiet dwar il-minimu tal-kwalità tad-dejta;
- istruzzjonijiet tekniċi iktar ċari biex jiġu indirizzati xi aspetti kritiċi ta' studju LCA (bħalma huma l-allokazzjoni, ir-riċiklaġġ, in-normalizzazzjoni u l-koeffiċjent ta' korrezzjoni³⁰.

Il-metodi tal-PEF u l-OEF jirrikjedu li biex ikun jista' jsir paragun, iridu jiġu żviluppati Regoli dwar l-Impronta Ambjentali skont il-Kategoriji tal-Prodotti (PEFCR) u Regoli dwar l-Impronta Ambjentali skont is-Settur (OEFSR)³¹. Dawn se jindirizzaw id-dispożizzjonijiet tal-metodi tal-PEF u l-OEF skont regoli speċifiċi għall-kategoriji tal-prodotti jew għas-setturi li jippermettu lill-operaturi ekonomiċi u min ifassal il-politiki biex jagħtu l-attenzjoni tagħhom lit-tlieta jew l-erba' impatti ambjentali l-aktar rilevanti fost l-14-il indikatur ewlieni tal-impatti ambjentali, u lill-proċessi jew lill-istadji l-aktar rilevanti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew settur speċifiku. B'hekk, ir-riżultati ta' valutazzjonijiet separati se jkunu jistgħu jitqabblu fi ħdan kategorija ta' prodotti jew settur, mingħajr ma tagħmel ebda differenza min iwettaq il-valutazzjonijiet.

Pereżempju, fil-każ li l-PEFCR ikun żviluppat għad-deterġenti, ir-regoli tal-kategorija se jiddefinixxu "prodott mudell" li jkun rappreżentattiv tal-grupp ta' prodotti deterġenti fis-suq tal-UE, u jikkalkulaw ukoll il-prestazzjoni ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-mudell. Il-prestazzjoni ambjentali ta' dan il-prodott rappreżentattiv issir il-punt ta' riferiment (li mbgħad ikollu jiġi adattat u rivedut kontinwament f'linja mal-iżviluppi teknoloġiċi) biex jitqabblu miegħu l-prestazzjonijiet ta' deterġenti oħra fis-suq. Dawn il-prestazzjonijiet jiġu kkomunikati lill-konsumaturi li b'hekk ikunu jistgħu jqabblu l-prodotti differenti faċilment waqt ix-xiri.

Fil-ġejjieni, dawn l-iżviluppi kruċjali għandhom jippermettu li l-metodi ta' kejl tal-impatt ambjentali jiġu applikati fis-suq u fil-politiki bħala għodda affidabbli biex wieħed ikun jista' jagħraf id-differenzi bejn il-prodotti jew l-organizzazzjonijiet b'inqas spejjeż.

Il-Kummissjoni qiegħda ssostni wkoll attivitajiet speċifiċi immirati għall-iżvilupp ta' metodi speċifiċi skont il-kategorija tas-settur jew tal-prodott.³² Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex tippromwovi l-kompatibbiltà bejn dawn il-metodi, skont il-każ.

4.3. Il-pakkett ta' proposti attwali bħala l-ewwel fażi ta' żvilupp ġdid tal-politika

Din il-Komunikazzjoni se tiggwida l-attivitajiet tal-Kummissjoni f'dawn it-tliet snin li ġejjin.

B'konsulta mal-partijiet interessati, il-Kummissjoni f'tit f'tit se ddaħħal il-metodi rilevanti fl-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) tagħha, fl-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE) u fl-Ekotikketta tal-UE³³.

³⁰ Għal spjegazzjoni dettaljata tal-elementi tekniċi tal-PEF u l-OEF ara r-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti.

³¹ Il-PEFCRs huma sett ta' regoli li jikkomplementaw il-gwida metodoloġika ġenerali għall-istudji tal-PEF billi jagħtu aktar speċifikazzjoni fil-livell ta' kategorija speċifika ta' prodotti. L-OEFSRs huma sett ta' regoli li jikkomplementaw il-gwida metodoloġika ġenerali għall-istudji tal-OEF billi jagħtu aktar speċifikazzjoni fil-livell tas-settur.

³² Il-metodu tal-marka tal-karbonju fl-ICT żviluppat skont COM(2010)245 final *Aġenda Diġitali għall-Ewropa*, Envifood Protocol żviluppat mill-Food SCP Roundtable; ħidma ta' standardizzazzjoni marbuta mas-"Sostenibbiltà tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni" skont il-kumitat Tekniku tas-CEN 350.

4.3.1. *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni*

Flimkien ma' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tadotta Rakkomandazzjoni dwar l-użu tal-metodi tal-PEF u l-OEF biex tkejjel u tikkomunika l-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti u organizzazzjonijiet. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati biex jużaw il-metodi tal-PEF u l-OEF f'politiki u inizjattivi volontarji rilevanti li jinvolvu l-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti u organizzazzjonijiet. Il-metodi jiffurmaw parti integrali tar-Rakkomandazzjoni.

4.3.2. *L-Istadju pilota: l-ittestjar tal-implimentazzjoni tal-metodi tal-kejl tal-impronta ambjentali*

Il-Kummissjoni se torganizza ttestestjar ta' tliet snin bil-parteċipazzjoni ta' partijiet interessati li jivvolontarjaw. Il-miri ta' dan l-istadju pilota huma:

- li jistabbilixxi u jivvalida l-proċess tal-iżvilupp tal-PEFCRs u l-OEFSRs, inkluż l-iżvilupp ta' punti ta' riferiment³⁴ ambjentali għal kull wieħed minnhom. Fejn ir-regoli dwar il-kategorija tal-prodott jew dawk speċifiċi għas-settur jeżistu diġà u jintużaw mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni tuża dawn bħala bażi għall-iżvilupp tal-PEFCRs u l-OEFSRs.
- li l-applikazzjoni tal-metodi tal-kejl tal-impronta ambjentali jsiru iżjed faċli, speċjalment għall-SMEs, billi jiġu ttestjati modi innovattivi għall-immaniġġjar tal-proċess u permezz tal-iżvilupp tal-għodda;
- li jiġu ttestjati sistemi diversi ta' konformità u ta' verifika għall-PEF u l-OEF, li jinkludu verifika qabel ma jitpoġġa fis-suq prodott (jiġifieri valutazzjoni ta' konformità) u verifika wara li jitpoġġa fis-suq (jiġifieri sorveljanza tas-suq), biex jitwaqqfu u jiġu vvalidati sistemi proporzjonati, effettivi u effiċjenti ta' konformità u ta' verifika;
- jiġu ttestjati b'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati approċċi diversi ta' komunikazzjoni bejn il-kumpaniji u l-konsumaturi, u bejn il-kumpaniji.

Fl-2013, il-Kummissjoni se toħroġ sejħa għall-volontiera li tistieden lill-partijiet interessati (anki minn pajjiżi terzi) biex jieħdu sehem jew imexxu l-proċess ta' żvilupp ta' PEFCRs u OEFSRs. L-għażla tal-kategoriji tal-prodotti u tas-setturi li jipparteċipaw fit-test pilota se jkunu bbażati fuq kunsiderazzjonijiet bħalma hi dik tal-kobor tal-impatt ambjentali, ir-rieda min-naħa tal-partijiet interessati biex jikkontribwixxu jew imexxu, il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-prodotti differenti (inklużi dawk kumplessi) u s-setturi differenti (b'katina ta' provvista dinamika) ikunu inklużi; id-disponibbiltà tax-xogħol eżistenti³⁵; u d-disponibbiltà tal-informazzjoni f'termini ta' dejta dwara iċ-ċiklu tal-ħajja. Is-suċċess ta' din il-fażi pilota se jkun stmat abbażi tad-diversità u r-rappreżentattività tal-prodotti u s-setturi magħżula kif ukoll l-għadd u r-relevanza tal-partijiet interessati involuti, inkluża rappreżentanza xierqa ta' SMEs u NGOs, u dan filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż, il-benefiċċji u l-ħin involut fl-implimentazzjoni tal-metodi. Il-Kummissjoni se tagħmel rapport regolari lill-Istati

³³ Eż. l-użu tal-istudji tal-PEF bħala mezz biex jiġu identifikati l-impatti ambjentali rilevanti fl-iżvilupp tal-kriterji tal-Ekotikketa jew l-APE;

³⁴ L-iffissar ta' valur komparattiv jinvolvi l-identifikazzjoni tal-mudell medju li jkun disponibbli fis-suq, u d-definizzjoni ta' klassifiki ta' prestazzjoni ambjentali bbażati fuq din l-analiżi.

³⁵ Eż. regoli dwar il-kategoriji tal-prodotti żviluppati fil-qafas tal-esperimentazzjoni Franċiża Grenelle II jew żviluppati permezz ta' skemi internazzjonali oħrajn, bħall-EPD Svediża jew l-Eco-leaf Ġappuniża, Dokumenti ta' Referenza Settorjali tal-EMAS.

Membri u lil partijiet interessati oħrajn dwar il-progress permezz tal-pjattaforma ta' Laqgħat Regolari tal-IPP/SCP³⁶.

Il-Kummissjoni hija lesta li tevalwa approċċi alternattivi għall-PEF u l-OEF li jkunu kapaċi jilhqnu l-istess miri elenkati hawn fuq. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni biħsiebha tissottometti r-riżultati finali tal-istadju pilota għal proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari indipendenti, li jivvaluta dawn ir-riżultati mqabbla ma' daww ta' metodi alternattivi possibbli li jipproponu l-partijiet interessati. Biex ikunu eliġibbli għal din l-analiżi komparattiva bejn il-pari, il-metodi alternattivi jridu jkunu ġew ittestjati minn partijiet interessati li jkunu pproponewhom f'kundizzjonijiet simili ta' ttestjar. Din l-analiżi tal-evalwazzjoni bejn il-pari indipendenti se tgħin lill-Kummissjoni biex tagħżel l-iżjed għażla li tidher li hi fattibbli u li jkun jirnexxilha twassal għall-miri politiċi identifikati f'din il-Komunikazzjoni.

4.3.3. *"Dikjarazzjonijiet ekoloġiċi" u t-titjib tal-gwida mogħtija mid-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali*

Ma teżistix leġiżlazzjoni tal-UE li speċifikament tarmonizza d-dikjarazzjonijiet ekoloġiċi kollha u l-kummerċjalizzazzjoni. L-UE rregolat l-użu tad-dikjarazzjonijiet jew billi inkludiet direttament ir-rekwiżiti f'leġiżlazzjoni speċifika li tirregola l-prestazzjoni ta' tipi differenti ta' prodotti (bħal, pereżempju, ir-Regolament dwar l-Energy Star³⁷); jew billi ffixsat indirettament ir-regoli ġenerali biex ma jsirux dikjarazzjonijiet qarrieqa, filwaqt li ħalliethom jiġu interpretati u infurzati mill-awtoritajiet tas-suq jew tal-kompetizzjoni nazzjonali kull każ għalih³⁸, kif stipulat fid-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali (UCPD)³⁹.

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-UCPD, fl-2009 il-Kummissjoni ħarġet gwida speċifika biex tipprommwovi l-użu ta' dikjarazzjonijiet ambjentali ċari, preċiżi u rilevanti fil-kummerċjalizzazzjoni u fir-reklamar. Il-Kummissjoni biħsiebha ttipprovdi gwida aktar fil-fond f'dan ir-rigward, biex tiżgura infurzar xieraq u uniformi fl-Istati Membri. Biex dan isir, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-Konsumatur⁴⁰, il-Kummissjoni diġà bdiet tiddjaloga mal-partijiet interessati rilevanti sabiex tidentifika l-isfidi u l-prassi t-ajba, u biex tilħaq qbil dwar rakkomandazzjonijiet ewlenin għal azzjoni fil-ġejjieni⁴¹.

4.3.4. *Il-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u tal-organizzazzjonijiet*

Komunikazzjoni inadegwata tista' tikkonfondi jew tqarra b'dawk li jirċevuha, tista' timblokka t-teħid ta' deċiżjonijiet u timmina l-fiduċja fid-dikjarazzjonijiet ambjentali. Għal din ir-raġuni, u abbażi tal-esperjenza ta' djalogu ma' bosta partijiet interessati, il-Kummissjoni tirrakomanda sett ta' prinċipji li għandhom jiġu applikati meta tiġi kkomunikata l-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet.

³⁶ http://ec.europa.eu/environment/ipp/ipp_wg.htm

³⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju.

³⁸ SEC(2009) 1666 – Il-Kapitolu 2.5 Prattiki Kummerċjali Żleali fl-Iggwidar dwar l-implimentazzjoni/l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE dwar prattiki kummerċjali inġusti.

³⁹ Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern (Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p 22)

⁴⁰ Aġenda għall-Konsumaturi Ewropej - Spinta lill-fiduċja u lit-tkabbir, COM(2012) 225 finali.

⁴¹ Id-Djalogu bejn firxa wiesgħa ta' Partijiet Interessati dwar id-Dikjarazzjonijiet Ambjentali (MDEC), ippresdut mid-DG SANCO, JUST, u ENV. Rapport li jippreżenta s-sejbiet u l-konklużjonijiet ewlenin tal-MDEC tressaq fit-18 ta' Marzu fis-Samit Ewropew tal-Konsumaturi tal-2013, <http://www.european-consumer-summit.eu>.

- (1) Trasparenza. L-operaturi ekonomiċi għandhom jagħtu mhux biss informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u l-organizzazzjonijiet ikkonċernati, iżda anki dwar kif din l-informazzjoni ġiet iġġenerata, jiġifieri dwar il-proċedura ta' valutazzjoni, il-metodu, is-sors tad-dejta, il-kriterji, eċċ.
- (2) Disponibbiltà u aċċessibbiltà. L-operaturi ekonomiċi għandhom juru l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodott imqabbla mal-impatti ambjentali l-iżjed rilevanti f'format sempliċi u li jinftiehem mal-lewvel. L-informazzjoni essenzjali għandha tiġi kkomplementata b'informazzjoni dettaljata li tkun disponibbli permezz ta' siti fl-internet, applikazzjonijiet tal-ismartphones, eċċ.
- (3) Affidabbiltà. L-informazzjoni li tiġi kkomunikata għandha tkun preċiża b'mod xjentifiku u verifikabbli, biex tiżgura l-fiduċja tal-utenti fid-dikjarazzjoni ambjentali.
- (4) Kompletezza. L-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar il-kategoriji kollha tal-impatti ambjentali li jkunu rilevanti għall-prodott u l-organizzazzjoni kkonċernati b'mod kosteffiċjenti..
- (5) Komparabbiltà. L-operaturi ekonomiċi għandhom jagħmlu għażliet metodoloġiċi konsistenti biex jiggwarantixxu l-komparabbiltà tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali marbuta ma' kategorija speċifika ta' prodott jew settur speċifiku tul iż-żmien. Fejn ikun possibbli, għandhom jużaw metodi li jippermettu t-tqabbil tal-prestazzjoni ambjentali bejn prodotti li jaqgħu taħt l-istess kategorija u bejn organizzazzjonijiet li joperaw fl-istess settur.
- (6) Ċarezza. L-operaturi ekonomiċi għandhom jippreżentaw l-informazzjoni b'mod ċar, preċiż u li jinftiehem sew mill-utenti. Il-kontenut tal-informazzjoni jrid ikun ċar ukoll: il-firxa u l-komplessità tiegħu għandhom jiġu addattati għall-udjenza fil-mira, għall-karatterisiki tal-prodott u għall-għan tal-komunikazzjoni.

L-użu ta' approċċi, standards u metodi komuni eżistenti, bħall-PEF u l-OEF, ikun ta' għajjnuna kbira biex jiġu ssodisfati dawn il-prinċipji.

4.4. **It-tieni stadju: evalwazzjoni u politika tal-ġejjieni**

Wara l-istadju pilota, il-Kummissjoni se tevalwa l-progress qabel ma tiddeċiedi d-direzzjoni li jmiss (it-"tieni stadju"). Bħala parti minn dan, hija se tivvaluta jekk il-metodi, il-punti ta' riferiment dwar il-prestazzjoni tal-prodotti u s-setturi, u l-inċentivi, kinux ta' suċċess hekk li jistgħu jiġu applikati fl-għodod ta' politika. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se teżamina jekk dawn jistgħux ikomplu jiġu integrati f'firxa wiesgħa ta' strumenti ġodda jew eżistenti biex titjieb il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti fis-suq tal-UE, u dan filwaqt li jities l-użu possibbli ta' għodod f'lokhom, inklużu l-istandards Ewropej. Abbażi tar-riżultati ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni se tagħmel il-proposti xierqa, kif indikat fil-proposta tal-Kummissjoni dwar Programm ta' Azzjoni Ambjentali ġdid tal-UE sal-2020⁴².

5. **IL-KUNTEST DINJI U L-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI**

Id-dinja qiegħda tgħaġġel fil-qasam tal-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali, kif qed jiġri fil-livell tal-Istati Membri. Pereżempju, l-Isvizzera qed tikkonsidra li fl-2013 tippreżenta leġislazzjoni li tintroduċi valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja b'ħafna kriterji għall-prodotti u għall-komunikazzjoni ta' din lill-konsumaturi. Il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, l-Awstralja u l-Kanada qegħdin huma wkoll jużaw

⁴²

COM(2012) 710 final.

approċċi LCA fit-tfassil tal-politiki. L-Aġenzija Amerikana għall-Ħarsien tal-Ambjent (Environment Protection Agency) tal-Istati Uniti qed tiżviluppa dokument ta' gwida dwar kif wieħed għandu jiżviluppa r-Regoli dwar il-Kategoriji tal-Prodotti. Il-Konsorzju dwar is-Sostenibbiltà (Sustainability Consortium) huwa wieħed mill-akbar inizjattivi privati b'rabta mad-determinazzjoni u l-komunikazzjoni tal-impronta ambjentali tal-prodotti; qed jixirfu wkoll inizjattivi ġodda, bħalma hu s-Sustainability Accounting Standards Board.

Dawn l-isforzi li qed isiru huma pożittivi, iżda hemm tħassib li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-inizjattivi qegħdin jiġu żviluppati f'żolazzjoni relattiva, filwaqt li l-katini ta' provvista li dejjem qed isiru aktar internazzjonali u kumplessi, jeħtieġu approċċ aktar ikkoordinat li pereżempju jista' jintroduċi aktar possibbiltà ta' skambju u interoperabbiltà tal-ġodda u l-pjattaformi eżistenti. Wieħed jista' jistenna li jsir xi żvilupp metodoloġiku f'livell internazzjonali. Iżda jkunu meħtieġa azzjonijiet aktar iffukati u ambizzjużi u tisħiħ tal-konsensus.

L-UE biħsiebha tikkoopera b'mod attiv mal-imsieħba kummerċjali ewlenin biex tinkoraġġixxi approċċ aktar ikkoordinat lejn żviluppi metodoloġiċi f'livell internazzjonali permezz ta' proċess miftuħ u trasparenti ta' konsultazzjoni li jkun aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha, fost l-oħrajn fil-kuntest tal-Qafas ta' Programmi għal 10 Snin dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli li ġie adottat fis-summit ta' Rio+20. Il-progress se jiġi rrapportat lill-Istati Membri u lil partijiet interessati oħrajn fil-kuntest tal-laqgħat Regolari IPP/SCP.

L-UE qiegħda tipprovdi wkoll sostenn finanzjarju lill-UNEP għall-attivitajiet tiegħu ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u f'economiji emerġenti dwar kwistjonijiet bħall-impronta ambjentali, il-metodi ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja u l-ġbir tad-dejta.

L-applikazzjoni progressiva tal-metodi PEF u OEF madwar l-UE se tiġġenera l-benefiċċji anki għall-kummerċ barra l-UE, għaliex se tipprovdi żewġ referenzi biss għall-kumpaniji li jkunu jixtiequ jidħlu fis-suq tal-UE, meta mqabbel mat-taħlita ta' skemi li, fil-preżent, jintużaw f'livell nazzjonali. Din se tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi għall-esportaturi u tkompli tespandi l-offerta għall-bejgħ ta' prodotti ekoloġiċi fis-Suq Uniku.